



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2012/2031(INI)

9.5.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport
(2012/2031(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Kartika Tamara Liotard

PA_NonLeg

PE485.848v02-00

2/7

AD\901460MT.doc

MT

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-impatt tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, li jikkonkludi li r-Regolament kelly effetti tajbin fir-rigward tal-benessri tal-annimali matul it-trasport, iżda għad hemm problemi kbar għall-benessri tal-annimali¹; jiddispjači li l-Kummissjoni mhi biħsiebha tipproponi l-ebda tibdil fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trasport tal-annimali; jiddispjači li dan ir-rapport jinjora l-Premessa 5 tar-Regolament, li jiddikjara li “għal raġunijiet ta' benessri tal-annimal it-trasport tal-annimali fit-tul għandu jkun limitat kemm jista' jkun”;
 2. Jiddispjači għall-fatt li r-rapport jinjora r-rakkmandazzjoni tal-EFSA dwar l-iżvilupp ta' strateġiji sabiex jitnaqqas il-volum ta' trasport u t-trasport għal distanzi twal ta' annimali għall-qatla u jitnaqqsu l-ħinijiet tal-vjaġġi, sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' tfaqqiegħ ta' mard assoċċjat mat-trasport²;
 3. Jiddispjači li fir-rapport tal-Kummissjoni m'hemm l-ebda referenza għal waħda mir-rakkmandazzjonijiet tal-Opinjoni Xjentifika tal-EFSA, jiġifieri li l-priorita għandha tingħata lit-trasport dirett, bla, waqfiet intermedji (eż. swieq tal-bhejjem) li jidu magħhom ir-riskju ta' kuntatt ma' annimali minn farms oħra³;
 4. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina taħt liema kriterji t-tnaqqis tal-volum ta' trasport, permezz tat-trasport ta' karkassi u laħam minflok annimali ħajjin, ikollu impatt pożittiv fuq l-ambjent, billi jnaqqas it-tniġġis, itnejeb il-marka tal-karbonju tas-settut tat-trasport, u jinkoragħixxi l-iżvilupp ta' produzzjoni u konsum lokali; jiirimmarka wkoll li t-trasport ta' karkassi jew laħam huwa aktar sostenibbli mit-trasport ta' annimali ħajjin; iqis għalhekk li, fil-prinċipju, għandhom jiġu ttrasportati biss karkassi jew laħam għal distanzi twal ħafna;
 5. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw strateġija ħalli jsir progress lejn mudell aktar reġjonali ta' produzzjoni tal-bhejjem li fi, kull fejn ikun prattikkabbli, l-annimali jitwieldu, jissemmnu u jinqatlu fl-istess reġjun minflok jiġu ttrasportati għal distanzi twal ħafna;
 6. Jikkunsidra li, anki fir-rigward tat-tnaqqis tar-riskju ta' tfaqqiegħ ta' mard assoċċjat mat-trasport, tal-kwalità u s-sigurtà tal-ikel, jagħmel sens li jinħolqu incenġivi għat-trobbija, il-kummerċjalizzazzjoni u l-qatla tal-annimali fil-livell reġjonali sabiex jitnaqqsu l-ħinijiet tat-trasport tal-annimali fit-tul u bla htiegħ;

¹ Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport, COM(2011)700, p.9

² EFSA Scientific Opinion Concerning the Welfare of Animals during Transport, EFSA Journal 2011, 9(1), 1966, p. 86.

³ EFSA Scientific Opinion Concerning the Welfare of Animals during Transport, EFSA Journal 2011, 9(1), 1966, p. 86.

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħassar ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għall-bhejjem, sabiex tipprevjeni u tnaqqas il-ħinijiet tat-trasport tal-annimali fit-tul u bla ħtieġa;
8. Jinnota li d-dispożizzjonijiet fir-Regolament dwar il-ħin ta' trasport, ħin ta' mistieħ u allokazzjoni ta' spazju mhumiex ibbażati fuq opinjoni xjentifika tal-SCAHAW jew tal-EFSA, iżda ttieħdu mid-direttiva preċedenti¹; jinnota b'dispjaċir illi, minkejja konklużjonijiet ċari mill-EFSA, partijiet tar-Regolament mhumiex konformi mal-għarfien xjentifiku attwali, speċjalment fir-rigward tat-trasport taż-żwiemel, it-trasport tat-tjur u l-fniek, l-allocazzjoni ta' spazju, ir-rekwiżiti ta' temperatura u għoli intern tal-kompartimenti, u li r-rapport mhu akkumpanjat mill-ebda proposta;
9. Jirrimarka li l-Premessa 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tesīgi li għandhom ikunu proposti dispożizzjonijiet speċjalisti adegwati għat-tjur hekk kif ikunu disponibbli l-valutazzjonijiet relevanti tal-EFSA; jiddispjaċih, għalhekk, li minkejja l-evidenza xjentifika l-ġidha u r-rakkomandazzjonijiet tal-EFSA², mar-rapport tal-Kummissjoni ma kien hemm l-ebda proposti leġiżlattiva b'rabbta mat-trasport tat-tjur, għalkemm it-tjur jikkostitwixxu l-aktar tip ta' annimal ittrasportat fl-Ewropa;
10. Jitlob li ż-żwiemel jiġu riklassifikati b'mod separat minn annimali oħra tal-farms, sabiex ikunu riflessi l-karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi u komportamentali taż-żwiemel skont kif deskrit fir-rapport tal-EFSA³; jitlob li jiddaħħal limitu speċifiku fuq il-vjaġġi għaż-żwiemel (għall-qatla), b'sehħi immedjat.
11. Jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi l-ġholi massimu (bħalissa 4 metri) għall-vetturi tqal tal-ġarr, u żżidu fejn dan ikun f'loku fil-każ ta' vetturi li jintużaw għat-trasport tal-annimali, biex tipprevjeni problemi tal-benessri tal-annimali li jinqalgħu minħabba għoli suffiċjenti għar-ras fit-trasport;
12. Ifakk li l-Artikolu 32 tar-Regolament jiddikjara li r-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis l-“evidenza xjentifika dwar il-bżonnijiet ta' benessri tal-annimali”, u li jiġi akkumpanjat, jekk ikun neċċesarju, minn proposti leġiżlattivi xierqa dwar vjaġġi fit-tul; ifakk fid-Dikjarazzjoni bil-Miktub 49/2011 tal-PE, iffirmsata mill-maġġoranza tal-Membri, li titlob li t-trasport tal-annimali għall-qatla jkun limitat għal massimu ta' 8 sīghat, kif ukoll fl-inizjattiva ta' 8 sīghat appoġġjata minn aktar minn miljun ċittadin Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, għalhekk, biex jirrevedu r-Regolament 1/2005 sabiex jistabbilixxu limitu massimu ta' 8 sīghat għall-vjaġġi tal-annimali ttrasportati għall-qatla;
13. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jirrevedu r-Regolament (KE) Nru 1/2005, u biex jintridu tit-tnejja bi rbit mal-aspetti li ġejjin:
 - l-ispeċifikazzjonijiet tal-vetturi;
 - il-kundizzjonijiet waqt it-trasport, bħalma huma l-kompartimenti, il-provvista ta' ilma tax-xorb, it-temperatura u l-umidità;

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE; ĠU L 340, 11.12.1991, p. 17.

² EFSA Journal 2011;9(1):1966.

³ EFSA Report on the Welfare of Animals during Transport (2011), p. 86.

- taħriġ speċjali tas-sewwieqa, velocietà xierqa tal-vettura u tagħbija u ħatt bl-attenzjoni, biex is-sewwieqa jkunu jistgħu jkampaw bl-animali li jkunu qed jitrasportaw;
 - żieda tal-ispazji minimi permessi u regoli aktar stretti dwar it-trasport ta' animali ħbiela/u jew miġruħin;
- jitlob li l-Kummissjoni wkoll tieħu l-passi adegwati ħalli tinkoraġġixxi l-biċċeriji mobbli u tippromwovi r-ristabbiliment ta' biċċeriji lokali b'tali mod li tinkoraġġixxi t-tbiċċir qrib tal-lok tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni;
14. Jikkunsidra li r-rapporti mressqa kull sena mill-Istati Membri huma essenziali biex jingħaraf l-impatt tal-leġiżlazzjoni u tittieħed azzjoni korrettiva adegwata; jistieden lill-Kummissjoni biex l-infurzar aħjar tar-Regolament tagħmlu prijorità importanti; jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri dwar il-kontrolli u dwar struttura aktar armonizzata ta' rappurtar sal-1 ta' Jannar 2013, kif ukoll biex thejjji rapport dwar il-progress li jkun sar fl-Istati Membri;
 15. Jemmen li xi wħud mid-dispożizzjonijiet tar-regolament qed iħallu wisq lok għal interpretazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, u b'hekk joħolqu inkonsistenzi fl-infurzar; jitlob lill-Kummissjoni biex, fejn meħtieġ, tiproponi emendi tekniċi tal-leġiżlazzjoni attwali;
 16. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi applikazzjoni effikaċi u uniformi tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar it-trasport tal-animali fl-Istati Membri kollha tal-UE; flimkien ma' biżżejjed spezzjonijiet imwettqa fil-livell nazzjonali, dan għandu jiġi garantixxi u jżomm it-tħaddim tajjeb tas-suq intern, u jevita t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri;
 17. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi kollha neċċesarji ħalli jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tiġi infurzata, b'mod partikolari billi jikkontrollaw li r-reġistri tal-vjaġġi jkunu realistiċi u konformi mal-leġiżlazzjoni;
 18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri ħali tqawwi l-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti; jistieden lill-Kummissjoni biex iż-żid l-għadd ta' spezzjonijiet tal-FVO iffukati fuq il-benessri tal-animali u t-trasport tagħhom; jenfasizza li jeħtieġ li jsiru għadd xieraq ta' spezzjonijiet tal-animali ttrasportati kull sena f'kull Stat Membru;
 19. Jistieden lill-Istati Membri biex jinfurzaw b'mod attiv sistema ta' spezzjonijiet li tikkontrolla l-kundizzjonijiet tal-benessri tal-animali qabel, waqt u wara t-trasport, u li għandha tkun appoġġjata minn sistema soda ta' sanzjonijiet effikaċi u dissważivi;
 20. Jirrimarka li fċerti Stati Membri m'hemmx bieżżejjed stazzjonijiet tal-ispezzjoni, u li għalhekk muwiex possibbli li jsiru kontrolli adegwati tat-trasport tal-animali jew tal-ħatt tal-animali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; jilqa' għaldaqstant il-fatt li r-rapport tal-Kummissjoni jħabbar aktar kontrolli tat-trasport tal-animali; jitlob ukoll li dawn il-kontrolli jkunu aktar effiċjenti;
 21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-kontrolli veterinarji tal-animali jsiru fit-tmiem

tat-trasport tagħhom;

22. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirriċerka kif it-teknoloġiji ġodda u eżistenti jistgħu jiġu applikati għall-vetturi tal-bhejjem għar-regolazzjoni, il-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni tat-temperatura u l-umidità, li huma elementi essenzjali għall-kontroll u l-protezzjoni tal-benessri ta' kategoriji speċifiċi ta' annimali waqt it-trasport, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-EFSA; jenfasizza li jeħtieġ li l-użu ta' teknoloġija ġdida ma jwassalx biex il-ħinijiet tat-trasport tal-annimali jitwal;
23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-introduzzjoni ta' bażi legali għal rekwiżit ta' sistemi ta' navigazzjoni abbord li jippermettu t-trażmissjoni ta' data dwar il-lokazzjoni u indikaturi oħra dwar il-benessri tal-annimali lill-awtoritajiet kompetenti, fil-ħin reali;
24. Jilqa' r-rikonoximent, min-naħa tal-Kummissjoni, li s-sistemi ta' navigazzjoni s'issa ma rrealizzawx il-potenzjal tagħhom f'dak li jirrigwarda l-impatt tajjeb mistenni fuq l-infurzar tar-Regolament; jitlob lill-Kummissjoni biex tesiġi li dawk is-sistemi jkollhom il-kapaċitā li jittrażmettu d-data fil-ħin reali lejn bażi tad-data tal-UE;
25. Jenfasizza li użu aħjar ta' Sistemi ta' Navigazzjoni bis-Satellita jgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji tat-trasport u jgħin lill-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru biex itejbu l-kwalità tal-kontrolli, speċjalment rigward il-ħinijiet tal-ivvjaġġar u l-perjodi ta' mistrieħ; iqis li sistemi ta' kontroll ġodda u iż-żejt effikaċi, bħal pereżempju sorveljanza tat-trasport bl-użu ta' sistemi ta' lokazzjoni bis-satellita, jgħinu biex itejbu s-sitwazzjoni u jippermettu implementazzjoni aktar trasparenti tar-regoli; huwa tal-fehma li l-użu ta' dawn it-teknoloġiji ġodda jista' wkoll jikkontribwixxi biex inaqqas il-piż fuq l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet transfruntiera;
26. Jitlob li l-Kummissjoni, fin-negozjati kummerċjali bilaterali tagħha ma' pajjiżi terzi, tesiġi l-applikazzjoni tal-istandardi tal-Unjoni Ewropea għall-benessri tal-annimali u tiddefendi l-internazzjonalizzazzjoni, fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, tad-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar dan is-suġġett;
27. Ifakk li żewġ Kummissarji preċedenti b'responsabbiltà għall-benessri tal-annimali, is-Sur Kyprianou u s-Sur Vassiliou, it-tnejn wiegħdu fil-Parlament Ewropew li kienu sejrin imexxu inizjattiva leġiżlattiva bl-għan li jintrodu ċu limitu ta' żmien fuq it-trasportazzjoni tal-annimali; jiddispjaċih ħafna li s'issa l-Kummissjoni ma dawn il-wegħdiet li għamlet lill-Parlament ma wettqithomx;
28. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tat-trasportaturi; iħeġġiha biex tissuġġerixxi li, fejn awtorità kompetenti tistabbilixxi li trasportatur ma jkunx irrispetta r-regolament dwar it-trasport, l-awtorizzazzjoni ta' dak it-trasportatur tista' tīgi sospiża jew irtirata fl-Istati Membri kollha, u mhux biss fl-Istat Membru kkonċernat;
29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni li tikkonċerna c-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-mezzi tat-trasport; iħeġġiha biex tissuġġerixxi li, fejn awtorità kompetenti tistabbilixxi li mezz tat-trasport ma jkunx konformi mar-regolament dwar it-trasport, iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tiegħu ikun jista' jiġi mħassar jew irtirat fl-Istati Membri kollha, u mhux biss fl-Istat Membru kkonċernat.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	8.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Lajos Bokros, Martin Callanan, Nessa Cilders, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Jo Leinen, Peter Liese, Kartika Tamara Liotard, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulénienė, Vladko Todorov Panayotov, Antonyia Parvanova, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Bogusław Sonik, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Nikos Chrysogelos, João Ferreira, Filip Kaczmarek, Judith A. Merkies, James Nicholson, Alojz Peterle, Michèle Rivasi, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Andrea Zanoni